**PRIM` AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 445/2019 JZM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

***kontra***

1. **David Charles Bajada**
   **(K.I. numru 324000L)**

2. **Alexei Lapira**
   **(K.I. numru 515780M)**

***u***

3. **Le Fils Investments Limited**
   **(C 42515)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fit-8 ta` Mejju 2019 li jaqra :–

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`erba` kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, tnejn minnhom datati 12 ta` Novembru 2007 (Dok. "A" u Dok. "B") u tnejn ohra datati 27 ta` Ottubru 2010 (Dok. "C" u Dok. "D") kif ukoll permezz ta` sitt skritturi privati datati 16 ta` Ottubru 2007 (Dok. "E"), 23 ta`Ottubru 2007 (Dok "F"), 24 ta` Marzu 2009 (Dok "G"), 4 ta` Gunju 2009 (Dok "H"), 11 ta` Marzu 2010 (Dok "I") u 14 ta` Mejju 2010 (Dok. "J"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited.*

*2. Illi s-socjeta` atrrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta` Cut Coiffeur Company Limited fis-somma ta` mija u tlieta u hamsin elf, erba` mija u hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€153,425.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Cut Coiffeur Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "K", Dok. "L1 sa L3", Dok. M1 sa M3", Dok. "N1 sa N2", Dok. "O1 sa O5 u Dok. "P1 sa P2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta`April 2019 sad-data tal-effettiv pagament.*

*3. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f` erba` kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, tnejn minnhom datati 12 ta` Novembru 2007 (Dok. "A" u Dok. "B") u tnejn ohra datati 27 ta` Ottubru 2010 (Dok "C" u Dok "D") kif ukoll permezz ta` hames skritturi privati datati 16 ta` Ottubru 2007 (Dok. "E"), 24 ta` Marzu 2009 (Dok "G"), 4 ta` Gujnu 2009 (Dok. "H"), 11 ta` Marzu 2010 (Dok. "I") u 14 ta` Mejju 2010 (Dok. "J"), u l-konvenut David Charles Bajada iggarantixxa flimkien u in solidum ma` Cut Coiffeur Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Cut Coiffeur Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`erba` kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, tnejn minnhom datati 12 ta` Novembru 2007 (Dok. "A" u Dok. "B") u tnejn ohra datati 27 ta` Ottubru 2010 (Dok. "C" u Dok. "D") kif ukoll permezz ta` hames skritturi privati datati 16 ta` Ottubru 2007 (Dok. "E"), 24 ta` Marzu 2009 (Dok "G"), 4 ta` Gunju 2009 (Dok "H"), 11 ta` Marzu 2010 (Dok "I") u 14 ta` Mejju 2010 (Dok. "J"), u l-konvenut Alexie Lapira ggarantixxa flimkien u "in solidum" ma` Cut Coiffeur*

*Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Cut Coiffeur Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*5. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`erba` kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, tnejn minnhom datati 12 ta` Novembru 2007 (Dok. "A" u "Dok. "B") u tnejn ohra datati 27 ta` Ottubru 2010 (Dok. "C" u Dok. "D") kif ukoll permezz ta` hames skrittura privata datata 23 ta` Ottubru 2007 (Dok. "F"), is-socjeta` konvenuta Le Fils lnvestments Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma` Cut Coiffeur Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Cut Coiffeur Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*6. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A sa J"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi*

*(b) kienu inadempjenti f` obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew*

*(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*7. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*8. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` tlett ittri ufficjali datati 13 ta` Lulju 2017 li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "Q", Dok. "R" u Dok. "S", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m` ghandhiex din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*1. Tiddiklara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A sa J") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati. u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lill-attrici s-somma ta` mija u tlieta u hamsin elf, erba` mija u hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€153,425.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta` Cut Coiffeur Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "K", Dok. "L1 sa L3", Dok. M1 sa M3", Dok. "N1 sa N2", Dok. "O1 sa O5 u Dok. "P1 sa P2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta`April 2019 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datti 13 ta` Lulju 2017 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenut David Charles Bajada pprezenta fl-<u>14 ta` Gunju 2019</u> li tghid :-

*1. Illi preliminarjament l-esponenti jissottometti illi l-azzjoni tas-socjeta`rikorrenti hija improponibbli u dan stante illi l-obbligi kuntrattwali ma gewx assunti mill-esponenti izda mis-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited, liema socjeta` ma tifformax parti mill-kawza odjerna.*

*2. Illi b`referenza ghas-suespost, u in linea preliminari, il-fatt illi l-obbligi assunti mis-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited ma*

*gewx kanonizzati, is-socjeta` rikorrenti ma tistax tenforza dawn l-obbligi fir-konfront tal-esponenti li huwa biss garanti.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament, l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija wkoll improponibbli stante li s-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited, u cioe` l-parti kontrattanti mas-socjeta` rikorrenti kienet soggetta ghal stralc kif mitlub permezz ta` rikors bin-numru 73/17 JZM, liema sentenza giet deciza li fuqha ghad hemm appell pendenti. In vista ta` dan, ebda azzjoni ma` tista tigi enforzata fir-rigward tal-esponenti sa kemm dan l-appell jigi deciz u dan minhabba li inter alia, tali decizjoni ser tkun qieghda tinpingi fuq drittijiet ipotekarji rizultanti mill-istess stralc.*

*4. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati fir-risposta guramentata tal-konvenut Bajada.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti Alexie Lapira u Le Fils Investments Limited fis-17 ta` Gunju 2019 li taqra hekk :-

*<u>Stqarrija tal-Eccezzjonijiet</u>*

*1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikoli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili.*

*2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-Bank attur ghandhom jigu michuda billi l-eccipjenti huma mehlusa minn kull obbligazzjoni ta` fidejussjoni stante li s-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi tal-kreditur ma tistax issir favur taghhom bi htija tal-kreditur.*

*3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-Bank attur kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-Bank attur, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tieghu fi proceduri gudizzjarji.*

Rat il-lista tax-xhieda li pprezentaw l-imsemmija zewg konvenuti.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2021 il-konvenut Bajada eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi tal-artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu prezentati.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi dwar il-mertu

**Johanna Bartolo**, rapprezentant tal-bank attur, wara li kkonfermat id-dokumenti li kienu prezentati in sostenn tat-talbiet, xehdet illi l-bank huwa kreditur tal-kumpannija debitrici principali Cut Coiffeur Company Limited fl-ammont ta` € 153,425.93, flimkien ma` imghax ulterjuri. Il-konvenuti kienu garanti tad-debitu ta` dik is-socjeta`.

**Alan Camilleri** BOV Manager – Dipartiment tad-Debt xehed illi l-facilitajiet bankarji kienu nghataw lis-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited li kienet xjolta u stralcjata mill-qorti. Mid-data li fiha saret il-kawza odjerna, il-bank ma rcieva ebda hlas.

**Fil-kontroezami**, ipprezenta hames sanction letters (Dok SL01 sa Dok SL05). Is-sanction letters Dok SL 04 u SL 05 ma kienux segwiti b`atti pubblici.

Kompla jixhed illi hemm zewg life insurance policies li huma komuni ghas-sanction letters kollha : policy minnhom hija f`isem Lapira u l-ohra f`isem Bajada. Fis-sanction letters kienet imsemmija policy ohra li kienet polza tal-assigurazzjoni fuq tlett proprjetajiet li kienu : i) fond f`Tigne Shopping Complex ; ii) fond f`Baystreet Complex ; u iii) fond f`Zabbar Road, Fgura. L-ewwel tnejn kienu fondi mikrija waqt it-tielet fond inbiegh. Il-polza ma baqghetx valida.

**Roderick Abela** mill-bank attur ikkonferma li ma thallas xejn mill-ammont dovut lill-bank.

**Ricevitur Ufficjali**, **Av. Kevan Azzopardi**, xehed illi bi provvediment moghti minn din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Marzu 2018, is-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited kienet dikjarata xjolta u kien ordnat l-istralc taghha. Fil-vesti tieghu ta` Ricevitur Ufficjali, huwa kien mahtur mill-qorti bhala stralcjarju. Stqarr illi ma jafx kienx interpost appell minn dak il-provvediment. Ikkonferma li l-bank attur huwa kreditur tal-kumpannija xjolta. Ipprezenta kopja ta` rapport li kien ipprezenta lill-qorti. Qal li kellu zewg laqghat separati ma` l-konvenuti Lapira u Bajada. Fid-data tal-hatra tieghu bhala stralcjarju, il-kumpannija ma kellhiex assi. Ma kienx jaf b`garanziji li kienu nghataw mill-konvenuti odjerni favur il-kumpannija.

**Fil-kontroezami**, ippreciza li huwa ma rax kuntratti jew atti pubblici ohra.

**Aldo Meli** mill-bank attur ipprezenta Dok AM1.

## III. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>

**Kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-<u>Art 2156(d) u (f) tal-Kap 16</u> : mill-konvenuti Lapira u Le Fils Investments Limited *in limine litis* ; u mill-konvenut Bajada fl-ahhar udjenza tal-kawza qabel thalliet ghas-sentenza ghal-lum.**

**<u>Fl-Art 2156(d) u (f) tal-Kap 16</u>** jinghad illi :-

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` hames snin :*

*…*

*d) l-azzjonijiet ghall-hlas ta` mghaxijiet ta` somom mehuda b`self jew taht titolu iehor, u, in generali, ta` dak kollu li jithallas bis-sena jew kull tant zmien iehor aqsar minn sena ;*

*…*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta` kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa`, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

Wara l-emendi ghall-Kap 16 li saru bl-Att I tal-2017, u li dahlu fis-sehh fit-13 ta` Jannar 2017, l-Art 2156 ghandu jigi allaccjat mal-Art 2160 tal-Kap !6 li jghid :-

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m`ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta` debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti*

*gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

L-emendi ghall-Kodici Civili li saru bl-Att I tal-2017 gabu bidla fl-istat tad-dritt. Fejn qabel l-attur kellu jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut, bl-effett tal-emendi, huwa l-konvenut li minn jeddu ghandu jiehu l-gurament.

Il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta` Marzu 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Bianco v. Camilleri** fejn inghad hekk :-

*Din il-Qorti trid tara, jekk fid-dawl tal-imsemmija emendi recenti ghall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, il-konvenut issodisfax il-vot tal-ligi biex jista` jibbenefika mill-preskrizzjoni qasira minnu eccepita. Dan ghaliex bl- emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 li giet fis-sehh fit-13 ta` Jannar 2017, is- sitwazzjoni llum hi li galadarba eccepita l-preskrizzjoni partikolari msemmija fl-Artikolu 2160, il-konvenut ghandu minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur. Fi kliem iehor, il-legislatur impona fuq il-konvenut innifsu l-obbligu li jiehu l-gurament, billi nehha minn fuq spallejn l-attur l- obbligu li jaghti huwa stess lill-konvenut il-gurament decizorju, b`dan illi fin- nuqqas li l-konvenut jixhed minn jeddu li mhux debitur, ma jkunx jista` jiehu beneficcju minn din il-preskrizzjoni qasira.*

*Ikkunsidrat :*

*Issa f`dan il-kaz il-konvenut xehed minn jeddu b`mod dettaljat f`zewg okkazzjonijiet, fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2018 u fid-29 ta` Novembru 2018, izda huwa evidenti ebda wahda mid-dikjarazzjonijiet maghmula mill-konvenut matul id-deposizzjoni tieghu, ma tinkwadra ruhha fil-formula rikjesta taht l-Artikolu 2160(1). Dan l-Artikolu jiddisponi illi min irid jipprevalixxi ruhu mill- preskrizzjoni brevi taht inter alia, l-Artikolu 2148, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur . Fis-sentenza recenti moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-import tal-emendi li saru fl-Artikolu 2160 , gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjonijiet brevi msemmija fl-istess Artikolu 2160 ma jirnexxux semplicement ghaliex ikun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni relattiv, ghaliex dan it-terminu :- "... huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta`*

*natura proceduralі, li jikkommina l-artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili."*

*Minkejja t-tibdil fit-test tal-imsemmi Artikolu 2160 kif fuq inghad, l-osservanza tal-forma tal-gurament baqghet tassattiva, fis-sens li ma huwa permess ebda varjazzjoni minn din il-forma ghall-fini tas-siwi tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet **P & S Limited et v. Zammit et** fejn inghad illi :-

*12. Din ix-xorta ta` duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa` decizorju. Jista` jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l- preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil- gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f`wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta` debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f`debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista` jsir.*

*Illi ghalhekk dak li hemm fl-Artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta jitlob ferm aktar milli dak li kien hemm qabel li sempliciment jinghad li ghaddew il-hames snin. Illi f`dan il-kaz il-konvenuti kull ma` ghamlu referenza kien biss ghal zewg dati ta` meta sehhew l-ahhar pagament u dak meta infethet il-kawza. Illi apparti dak li hemm f`dan l-artikolu 2160, is-socjeta` attrici kienet ukoll baghtet ittra ufficjali a bazi tal- artikolu 166A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta fit-30 t`Awwissu 2012 fejn l-intimati rrispondew ghaliha fil-11 ta` Settembru 2012. Illi madankollu sabiex jirrikjedi li l-intimat jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjonijiet brevi jew partikolari u dan skont ma hemm fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta jrid jaghmel dawn iz-zewg affarijiet : (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti gurament waqt il-kawza li mhux debitur.*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd v. Mifsud et** li kienet deciza fis-26 ta` Jannar 2018 fejn inghad illi :-

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l- obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista` jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament,i l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill- ewwel qorti f`pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f`xenarju partikolari cjoe` meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. `Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista` jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x`jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.`*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-pozizzjoni kienet differenti fejn `... Jekk l- attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid- debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l- preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B`dan il- mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuzjenza tad-debitur.`*

Dwar il-preskrizzjoni, xehdu kemm il-konvenut Lapira kif ukoll il-konvenut Bajada fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2021. Meqjus x`sehh fil-kaz odjern, fl-isfond tas-suddetti konsiderazzjonijiet ta` dritt u ta` gurisprudenza, il-qorti tistqarr illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif dedotta ma tistax tirnexxi, billi ma kienx sodisfatt dak rikjest bl-Art 2160 tal-Kap 16 stante li ebda konvenut ma ha gurament sabiex ighid li mhuwiex debitur tal-bank attur bl-ghoti ta` ragunijiet kif rikjest mil-ligi.

**L-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

## IV. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut Bajada</u>

Il-konvenut Bajada eccepixxa li vis-a-vis l-bank attur l-obbligi kontrattwali kienu assunti minn Cut Coiffeur Company Limited mhux minnu, liema socjeta` mhijiex parti fil-kawza.

Il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Refalo et v. Azzopardi et** fejn inghad :-

*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir- relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f`kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x`jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta` jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-10 ta` Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma et v. Grixti** inghad hekk :-

*b`relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta` rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta` liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa*

*l- obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista` tkun wahda kemm `di dare` jew `di fare` jew `di non fare`. Tali rapport obbligatorju jista` jkun wiehed f`sens strett u jista` jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*

Fil-kaz tal-lum jirrizulta ppruvat illi l-konvenut Bajada **accetta** li de proprio jkun garanti tal-facilitajiet li l-bank attur kien akkorda lil Cut Coiffeur Company Limited. B`hekk **accetta** li de proprio jiggarantixxi l-osservanza tal-obbligi assunti mid-debitur principali.

Billi din il-qorti tghid li l-obbligazzjoni kienet kummercjali, inkluz dik assunta mill-konvenut Bajada.

Ighodd ghalhekk l-**Art 115 tal-Kap 13** li jghid :-

*(1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.*

*(2) L-istess prezunzjoni tghodd ghall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummercjant, illi jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kummercjali.*

Il-qorti tirreferi wkoll ghall-**Art 1941 tal-Kap 16** li jghid :-

*Il-garanti fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort`ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur.*

Dwar din l-ahhar disposizzjoni, il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fit-3 ta` Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc v. Dimech** fejn inghad :–

*Il-garanti, fi hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort`ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur. Dan ifisser li jekk jirrizulta pruvat li l-garanzija favur id-debitur kienet saret fil-kontest ta` negozju naxxenti minn operazzjoni kummercjali, il-ligi tippresumi li l-garanzija hija in solidum. Jispetta ghalhekk lill-intimati li jaghmlu l-prova li l-garanzija moghtija ma kienitx ghal hwejjeg li ma kienux tal-kummerc, u fin-nuqqas tirbah il-presunzjoni tal-ligi li tali garanzija kienet wahda solidali. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l- garanziji*

*inghataw ghal skop kummercjali ghalhekk ghandha tirbah il-presunzjoni tal-ligi li l-garanzija hija wahda solidali."*

**Meqjusa l-fatti tal-kaz odjern, fl-isfond kemm tad-disposizzjonijiet tal-ligi kif ukoll tal-gurisprudenza, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

## V. <u>It-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Bajada</u>

Kien eccepit li minhabba l-fatt li l-obbligi assunti minn Cut Coiffeur Company Limited ma gewx ikkanonizzati, il-bank attur ma setax jenforza kontra tieghu bhala garanti.

Il-qorti tirreferi ghad-dokumenti li pprezenta l-bank attur bhala prova. In partikolari tirreferi ghall-garanziji li nghataw mill-konvenuti a fol 19 et seq.

Il-qorti ssib li l-bank attur kellu kull jedd jipprocedi kif sar fil-kawza odjerna.

Tirreferi ghall-patt li jghid :-

*Your liability to pay is joint and several with the Borrower. This means that the Bank can enforce this Guarantee against you irrespective of whether the Bank has asked the Borrower to pay the Debt and irrespective whether the Borrower has in fact paid part of the Debt.*

Il-bank attur *ex contractu* kellu kull jedd jipprocedi kontra l-konvenuti minghajr ma kellu ghalfejn jesigi l-hlas minghand id-debitur principali.

**L-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

## VI. <u>It-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut Bajada</u>

Kien eccepit li l-azzjoni hija mpronibbli stante li Cut Coiffeur Company Limited kienet soggetta ghal stralc, liema stralc kien deciz u appellat, bil-konsegwenza li ebda azzjoni ma setghet tigi enforzata sakemm l-appell ma jigix deciz.

Respinta t-tieni eccezzjoni, anke din l-eccezzjoni ssir insostenibbli.

**Ghalhekk l-eccezzjoni qeghda tkun michuda.**

## VII. It-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra

Dwar din l-eccezzjoni, il-qorti tirreferi ghas-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Ottubru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc v. Style in Art Lmited et** fejn inghad illi :–

*Jibda biex jigi precizat b` introduzzjoni ghas-suesposti eccezzjonijiet illi, fit-termini tad-definizzjoni koncepita fl- Artikolu 1925 tal-Kodici Civili, il-figura guridika tal- garanzija tissussisti fejn wiehed jobbliga ruhu li jhallas id- dejn ta` haddiehor fil-kaz li dan ma jhallasx dak id-dejn. Il- garanzija hi ghalhekk essenzjalment accessorju in kwantu l-fidejussur ma jintrabatx bhad-debitur b` mod principali izda ghall-kaz biss li d-debitur ma jissodisfax l-obbligu tieghu (Kollez. Vol. XLI P II p 924). Tali kuntratt hu unilaterali u gratuwitu ghaliex mentri l-fidejussur ikun qieghed jassumi personalment l-obbligu tal-hlas tad-dejn tad-debitur principali, il-kreditur min-naha l-ohra ma jkunx qieghed jassumi ebda obbligu (Ara Kollez. Vol. XXVIII P I p 406).*

*Jissokta jigi osservat illi l-causa ta` dan il-kuntratt hi dik li tirrafforza t-tutela tal-interessi tal-kreditur billi tallarga l- harsien ta` drittijietu fuq il-beni tal-garanti. Dan in kwantu il-fidejussur ikun qed jaggungi l-obbligazzjoni accessorja tieghu ma` l-obbligazzjoni tad-debitur principali. Kif dezunt mill-Artikolu 1928 tal-Kodici Civili, l-interess tad-debitur principali fil-krejazzjoni ta` tali obbligazzjoni da parte tal- fidejussur hi guridikament irrilevanti ghar-raguni li mhumiex mehtiega la l-kunsens preventiv u lanqas l- accettazzjoni tieghu. Ghall-att kostituttiv innifsu interkors bejn il-kreditur u l-fidejussur huwa jista` jibqa` estraneju. Opportunement, ghar-riflessjonijiet aktar ampji fuq is- suggett qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Oreste*

*Brincat nomine -vs- Perit u Arkitett Carmelo Falzon et proprio et nomine", Appell Kummercjali, 17 ta` Gunju 1991.*

*Hi ligi wkoll, ex-Artikolu 1929 Kodici Civili, illi l-volonta` tal-assunzjoni tal-obbligazzjoni fidejussorja ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa b` mod li mill-ligi hi eskluza l-fidejussjoni tacita, dezunta biss mic-cirkostanzi (Kollez. Vol. XLIV P II p 746). Mhux mehtieg li din l- espressjoni ta` volonta` tkun tokkorri f` xi forma solenni izda hu bizzejjed li din tkun manifesta u inekwivokabbli.*

Il-qorti tikkondivi din il-gurisprudenza.

**L-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.**

Il-provi juru li l-garanzija kienet intiza sabiex il-garanti jaghtu kopertura ghall-obbligazzjoni favur il-bank attur bhala mutwant billi fuq formula *standard* jaccettaw b`obbligazzjoni personali l-ammont prestabbilit. Huwa car mid-dokumenti li l-konvenuti kienu qed jiggarantixxu li de proprio jaghmlu tajjeb favur il-bank attur.

L-eccezzjoni qeghda tkun respinta.

## VIII. <u>It-talbiet</u>

In sostenn tat-talbiet, il-bank attur ipprezenta dokumenti :-

- Kuntratt ta` self fl-Atti Nutar Bartolomeo Micallef datat 12 ta` Novembru 2007. – Alexie Lapira u David Charles Bajada ghal u f`isem Cut Coiffeur Company Limited ghal dan s-self. Illi Alexie Lapira u David Charles Barbara dehru personalment bhala Surety 1 u Le Fils Investments Ltd, rapprezentata mill-istess Lapira u Barbara dehret bhala Surety 2.. Is-self kien ta` **€ 11,656.87**.

- Estensjoni tal-overdraft fl-Atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef datat 27 ta` Ottubru 2010. Alexie Lapira u David Charles Bajada ghal u f`isem Cut Coiffeur Company Limited ghal dan s-self. Illi Alexie Lapira u David Charles Barbara dehru personalment bhala Sureties 2 u Le Fils Investments Ltd,

rapprezentata mill-istess Lapira u Barbara dehret bhala Surety 1. Estensjoni tal-overdraft bl-ammont ta` **€ 28,350.**

- Kuntratt ta` self fl-Atti Nutar Bartolomeo Micallef datat 27 ta` Ottobru 2010. Alexie Lapira u David Charles Bajada ghal u f`isem Cut Coiffeur Company Limited ghal dan s-self. Illi Alexie Lapira u David Charles Barbara dehru personalment bhala Surety 1 u Le Fils Investments Ltd, rapprezentata mill-istess Lapira u Barbara dehret bhala Surety 2. Is-self kien ta` **€ 30,000**.

- Garanzija datat 15 ta` Ottobru 2007. Il-garanti huma David C Bajada u Alexie Lapira personalment u d-debitur hija Cut Coiffeur Co. Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 23,293.73.**

- Garanzija datata 23 ta` Ottobru 2007. Il-garanti hija Le Fils Investments Ltd u d-debitur hija Cut Coiffeur Co Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 23,293.73**.

- Garanzija datata 24 ta` Marzu 2009. Il-garanti huma Alexie Lapira u David Bajada u d-debitur huwa Cut Coiffeur Co Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 11,000**.

- Garanzija datata 4 ta` Gunju 2009. Il-garanti huma Alexie Lapira u David Bajada u d-debitur huwa Cut Coiffeur Co Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 6,000**.

- Garanzija datata 11 ta` Marzu 2010. Il-garanti huma Alexie Lapira u David Bajada u d-debitur huwa Cut Coiffeur Co Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 30,000**.

- Garanzija datata 14 ta` Mejju 2010. Il-garanti huma Alexie Lapira u David Bajada u d-debitur huwa Cut Coiffeur Co Ltd. Garanzija ffissata ghas-somma ta` **€ 59,000**.

- Ittra ufficjali datata 13 ta` Lulju 2017 fil-konfront ta` Le Fils Investments Limited fejn gew interpellati jhallsu l-ammont ta` **€ 93,291.**

- Ittra ufficjali datata 13 ta` Lulju 2017 fil-konfront ta` David Charles Bajada gejn gie interpellat ihallas l-ammont ta` **€146,303.36.**

- Ittra ufficjali datata 13 ta` Lulju 2017 fil-konfront ta` Alexie Lapira fejn gie nterpellat ihallas l-ammont ta` **€ 146,303.36**.

**Fuq l-iskorta tad-dokumenti li l-bank attur ressaq bhala prova, jirrizulta li s-sorte mitlub f`din il-kawza huwa dovut.**

Il-quantum tas-sorte ma kienx ikkontestat mill-konvenuti.

Abbazi tal-garanziji, jirrizulta li l-konvenuti Bajada u Lapira dahlu bhala garanti de proprio ghal €129,293. Il-konvenuta Les Fils Investment Limited dahlet bhala garanti ghal €23,293.93) : b`kollox : €152,586.93.

Mill-garanziji, fl-ispecifiku klawsola 4, jirrizulta li l-ammont li tieghu seta` jintalab il-hlas mill-garanti ma setax jeccedi ma jistax jeccedi l-ammont indikat fil-garanzija. Flimkien ma` dak l-ammont, jistghu jizdiedu l-interessi skont il-klawsola 2(e) u l-ispejjez kollha ncidentali tal-bank skont il-klawsola 17. Ghalhekk dak li jista` jintalab mill-konvenuti Bajada u Lapira huwa limitat ghal €129,293 bhala kapital, flimkien mal-interessi u l-ispejjez, filwaqt li minghand il-konvenuta Les Fils Investement Limited jista` jintalab kapital ta` € 23,293.93, flimkien mal-interessi u l-ispejjez.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Art 2156(d) u (f) tal-Kap 16 sollevata separatament kemm mill-konvenut Bajada, kif ukoll mill-konvenuti Lapira u Le Fils Investments Limited.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Bajada.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti Lapira u Le Fils Investments Limited.**

**Tilqa` t-talbiet attrici.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta` Lulju 2017.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**